MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 98/2002/1

**Avviz numru 98/02 GM**

**HLB Falzon & Falzon**

**vs**

**Josette Xuereb**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta’ Ottubru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Is-socjeta’ attrici qed titlob minghand is-socjeta’ konvenuta is-somma ta’ Seba Mija u Tmenin Lira Maltin

(Lm780), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi provduti mis-socjeta' attrici u spejjez legali, li s-socjeta' konvenuta naqset milli thallas, u dan oltre l-interessi fuq l-istess ammont sad-data tal-pagament effettiv. Kuntrarjament ghal dak li gie allegat mill-rapprezentant tal-intimat (ara dok A) l-obbligi kollha tas-socjeta' attrici gew imwettqa kif jirrizulta wkoll mill-gazzetta tal-gvern hawn anness u immarkat bhala dok. B.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni."

Ra r-risposta:

"Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex l-atturi naqsu illi jwettqu l-inkarigu afdat f'idejhom ai termini tal-pattijiet kontrattwali stabbilit. Specifikament l-atturi naqsu illi jiehdu hsieb il-prattiki necessarji ghad-divizjoni tas-socjeta' Francis Caruana Limited fit-termini stabbiliti. Per konsegwenza ta' dan il-konvenuta sofriet danni ingenti konsistenti fit-telf ta' interessi minhabba illi l-pagament illi kellu jsir lilha mill-azzjonisti l-ohra ittawwal b'aktar minn sena. Ghaldaqstant l-esponenti ticcita favur taghha innifisha il-principju legali fondamentali *'inadimplendi non est adimplendum'* fil-waqt illi tirriserva id-dritt illi tipprocedi kontra l-atturi odjerni ghar-rizarciment tad-danni sofferti minnha.

Inoltre jigi rilevat illi l-esponenti kienet, interament minghajr pregudizzju, disposta illi thallas somma ta' Lm744 a saldu tat-talba tal-atturi. Din l-offerta giet rifjutata mill-atturi, u ghaldaqstant illum giet ritirata."

Sema' l-provi u ra d-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

**Illi jirrizulta li s-socjeta' attrici esegwiet l-inkariku li kellha. Mhux il-kaz li l-kuntratt ma giex esegwit, ghalkemm jista' jaghti l-kaz li kien hemm dewmien fl-**

**ezekuzzjoni tieghu, li seta' kkawza danni lill-konvenuta. Izda ma hemm l-ebda kontro-talba biex jigi ddikjarat li kien hemm tali dewmien, u konsegwentement biex jigu likwidati d-danni relattivi. Tali kontro-talba fi kwalunkwe kaz kienet tesorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal.**

Ma hemmx kontestazzjoni tal-*quantum* tal-kont mahrug minnha u ghalhekk dan huwa dovut mill-konvenuta.

Jirrizulta li l-konvenuta ma gietx infurmata personalment mis-socjeta' attrici li kienet esegwiet xoghlha. Is-socjeta' attrici kienet tikkuntattja lid-diretturi l-ohrajn li maghhom il-konvenuta ma kellhiex relazzjonijiet tajba – tant li proprju ghalhekk is-socjeta' attrici giet inkarigata taghmel id-divizjoni tal-kumpannija Francis Caruana (Imports) Limited - izda mhux lill-konvenuta, hlief ghall-hlasijiet. Mhux accettabbli li l-konvenuta setghet issir taf mill-MFSC; mill-gazzetta tal-Gvern, jew minn xi gurnal lokali, li x-xoghol kien gie esegwit.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parti t-talba tas-socjeta' attrici billi jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta' LM744.17c bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali hlas effettiv bilanc ta' prezz ta' servizzi pprovduti mis-socjeta' attrici izda jikkundanna lis-socjeta' attrici biex thallas l-ispejjez ta' din il-kawza stante li saret intempestivament.

Jibqa' mpregudikat kull jedd iehor ta' azzjoni li jista' jkollha l-konvenuta ghad-danni."

Is-socjeta` attrici hassitha aggravata minn din is-sentenza. L-aggravju taghha hu cirkoskritt ghal kap relativ ghall-ispejjez gudizzjarji li hi tikkontendi li kellhom jigu akkollati lill-konvenuta. Hi tikkontendi illi t-Tribunal ma apprezzax korrettament il-provi meta kkonsidra li l-appellata ma kienetx taf li l-inkarigu taghha kien tlesta.

Minn naha taghha l-konvenuta appellata rreagiet bit-twegiba li l-appell interpost hu frivolu u vessatorju u

invokat il-kundanna tas-socjeta` appellanti ghall-penali fit-termini tal-artikolu 8 (5) tal-Kap 380.

Mill-motivazzjoni additata mit-Tribunal jidher li r-ragonament lil nduca lit-Tribunal jaddossa l-ispejjez fuq is-socjeta` appellanti kienet dik li fil-fehma tieghu l-kawza saret intempestivament. Dan fis-sens li l-konvenuta ma gietx informata personalment mis-socjeta` attrici li kienet esegwiet il-kompitu lilha affidat.

Jigi notat illi l-konvenuta appellata ma ssollevatx b'xi eccezzjoni l-intempestivita` ta' l-azzjoni ghar-raguni dedotta mit-Tribunal. Eccezzjoni din li minnha nfisha kellha dejjem tigi sollevata fil-bidu tal-kawza billi hi ta' natura dilatorja (**Kollez. Vol XLIX pIII p1162**). L-unika eccezzjoni taghha kienet dik tal-inadempjenza da parte tas-socjeta` attrici tal-inkarigu lilha affidat. Eccezzjoni din li ma jidherx li sabet il-kunsens tat-Tribunal, ghallanqas ghal dak li jikkoncerna l-ezekuzzjoni tal-kuntratt.

Forsi jkun opportun, qabel approfondiment tal-kritika tal-motivazzjoni fis-sentenza appellata in korrelazzjoni mar-rizultanzi processwali, illi jigu kummentati l-principji tad-dritt in materja ta' spejjez gudizzjarji.

L-Artikolu 223 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jidher li jenuncja zewg regoli. Fl-ewwel subinciz tieghu jipprovdi li "kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez". Skond id-dispost tat-tielet subinciz "il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwestjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra".

Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (**Kollez. Vol XLVIII pI p445**; **Vol XXXIX pI p340**; **Vol XXVI pI p173**).

Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti

jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidherx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (**Kollez. Vol XLIX pI p190**). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a **Vol XXXIII pII p55** illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur.

Dan premess, jokkorri li din il-Qorti tezamina jekk fil-meritu kienx hemm cirkostanzi li kienu jissuggerixxu xi temperament in via ta' xi eccezzjoni specjalissima. Ghar-rigward ta' din ir-ricerka gie deciz illi "nulla osta in legge che la Corte d'Appello prenda cognizione del merito non per rivederlo ma unicamente per stabilire se, alla stregua della decisione non impugnata circa a tale merito, il capo delle spese sia stato bene definito" (**Kollez Vol XXV pI p793**).

Mill-ezami tal-fatti kif esposti fil-process, l-ewwel osservazzjoni li qed taghmel din il-Qorti hi dik li, kwantu ghad-domanda ghall-hlas, johrog car mix-xhieda prodotti mis-socjeta` attrici appellanti illi talba bhal din kienet ilha ssir lill-appellata sa minn Dicembru 2000. Dan mhux biss permezz ta' ittri jew ittri legali (ara ezemplari a fol 84) izda anke permezz ta' telefonati, kif mistqarr mill-istess appellata. Kif minnha stess dikjarat, meta kienu jcemplulha hi kienet twegibhom illi "issa nirrangaw kollox u nhallas" (fol 92). Konsiderata allura l-kwestjoni minn din l-ottika, certament ma jistghax jigi accettat illi l-azzjoni ghall-hlas tista' qatt tigi determinata li kienet wahda intempestiva.

Dan stabbilit, it-tieni osservazzjoni li qed issir hi din. Kif taraha din il-Qorti l-kwestjoni li kellha tircievi l-attenzjoni tat-Tribunal ma kienetx tikkoncerna l-kwezit jekk is-socjeta` appellanti nformatx personalment lill-appellata li l-mansjoni taghha kienetx mitmuma imma jekk l-appellata kienetx taf dan.

Kemm l-appellata kif ukoll zewgha Max Xuereb (fol 30) jiddefendu ruhhom bid-dikjarazzjoni illi ghalihom is-socjeta` attrici spiccat ix-xoghol lilha affidat meta gew notifikati bl-avviz. Issa apparti l-fatt li din il-Qorti difficilment tista' taccetta bhala verosimili din id-difiza, anke ghaliex mhux koncepibbli li persuna li tircievi l-kont ghall-hlas, u tghid ukoll li ser thallas, ma titlobx li jkollha almenu s-sodisfazzjon ta' dak li intalbet thallas, hu kristallin mill-korp tal-provi illi l-appellata kienet konxja tal-fatt illi s-socjeta' appellanti kienet temmet il-kompitu taghha konducenti ghad-divizjoni tas-socjeta` Francis Caruana Limited. Ghall-Qorti dan il-fatt hu stabbilit u provat minn skambju ta' ittri senjatament dawk tal-20 ta' Novembru 2000 (fol 82) mibghuta mis-socjeta` attrici lill-konsulent legali tal-appellata, u tat-30 ta' Ottubru 2001 (fol 83) li permezz taghha l-istess konsulent legali gharraf lis-socjeta appellanti illi "the advertisements were carried in local papers in December 2000 and the necessary procedures with MFSC had been completed by January 2001".

Lanqas ma jista' jkun dubitat ukoll illi l-appellata kienet konsapevoli li d-Draft Division (fol 51) kienet tlestiet ghax din giet sottoskritta minnha fit-30 ta' Marzu 2000. Jekk kien hemm dewmien fir-registrazzjoni dan ma kellux jigi nkolpat lis-socjeta` appellanti izda lill-fatturi estranei, inter alia, lill-azzjonisti tal-kumpanija, lin-Nutar li dam ix-xhur biex jibghat l-informazzjoni kollha rikjesta u lir-Registratur tal-kumpaniji. Ara ittra spjegattiva datata 5 ta' Ottubru 2001 minn Alfred Falzon lil Dr. Carmelo Galea a fol 24.

Dawn ic-cirkostanzi kollha flimkien jikkostitwixxu prova sufficcjenti illi s-socjeta` appellanti pprovdiet is-servizzi necessarji relattivi ghall-ispartizzjoni tas-socjeta` fuq imsemmija, u li inoltre ma kienetx in kolpa ghar-ritard fir-

registrazzjoni.  Fuq kollox, u huwa dan li jghodd ghall-iskop tal-aggravju interpost, l-appellata kellha gharfien bizzejjed illi s-socjeta` appellanti kienet adempiet l-obbligi taghha.  In vista ta’ dan din il-Qorti ma tistax toqghod b’affidament fuq il-konkluzjoni tat-Tribunal billi ssib li l-konsiderazzjoni zvolta fis-sentenza appellata ma tikkorrispondiex mal-fatti veri dedotti fil-gudizzju.

Di fronte ghall-attitudini tal-konvenuta appellata li, nonostante interpellazzjonijiet, naqset li thallas dak minnha dovut f’drittijiet lis-socjeta` appellanti, u billi wkoll, kif ricevut mir-rizultanzi processwali, ma kien hemm l-ebda raguni ghal tali kondotta, l-Qorti ssib motiv serju biex tiddipartixxi mill-konkluzjoni tat-Tribunal u li tadotta r-regola stabbilita fis-subinciz (1) ta’ l-Artikolu 223 tal-Kap 12.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell interpost u b’hekk thassar is-sentenza appellata fir-rigward tal-kap tal-ispejjez.  Issib invece li dawn ghandhom jitbatew, fuq l-istregwa tal-konsiderazzjonijiet maghmula, mill-konvenuta appellata.

L-ispejjez tal-prezenti procedura jibqghu wkoll a karigu tal-konvenuta appellata.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------